**Kunsill Lokali Safi**
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012, fil-3.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa ssir fit-3pm peress illi kien hemm kunsilliera li kellhom impenji oħrajn u biex il-Kunsill jilħaq jiddiskuti l-punti kollha fl-Aġenda. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-laqgħa ddum iżjed minn tlett siegħat jekk hemm bżonn u li jtemm sas-7.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-Kunsill għamel il-basketball pole f'postu [ref: punt 3.1]. Is-Sindku qal illi minħabba l-maltemp il-ħaddiema tal-IPSL kellhom jagħmlu xogħol urġenti fuq il-bejt tal-Kunsill. Qal illi daħħal ftit ilma fil-washroom u hemm bżonn illi nissiġillaw is-saqaf. Is-Sindku qal illi meta jsir dan ix-xogħol, se jibgħat lil ħaddiema biex jagħmlu l-basketball ring f'postu. Is-Sindku qal illi l-basketball ring jitwaħħal biss fejn l-art ikun xott għas-sigurta tat-tfal. Ma dan il-punt kien hemm diskussjoni bejn il-kunsilliera dwar il-ħaddiema tal-IPSL fejn il-kunsilliera qalu li hemm minn mhux qed

jagħti sehmu u għalhekk ix-xogħol qed jaqa lura. Is-Sindku qal li s-sur Ronnie Barber li jaħdem għal Kunsill, se jibda jaħdem waħdu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għal ċerti xogħolijiet dan se jkollu bżonn l-għajnuna.

3.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jfakkar lil rappreżentant tal-MaltaPost dwar il-possibilta li jiġu bil-van tagħhom biex jagħmlu 'point of collection' ġor-raħal [ref: punt 3.2]

3.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq il-kuntrattur tal-knis. Dan qal illi l-ħaddiem mhux qed ilaħħaq max-xogħol mingħajr magna. Qal illi fil-passat, meta ma kienx hemm magna, kienu jiġu 2 kenniesa. Qal illi waħdu l-kennies ma jistax jagħmel ix-xogħol għas-sodisfazzjon tal-Kunsill. Żied illi hemm ħmieġ illi ilu fl-istess post għal ġimgħat sħaħ. Qal ukoll illi l-kennies qal lil ftit residenti li kull nhar t'Erbgħa qed imur jaħdem Ħal Balzan. Il-kuntrattur kien ċaħad dan l-ilment fil-passat. Is-Sindku qal illi ma ġiex jaħdem fejn il-Kunsill fil-ġurnata tal-laqgħa. Qal ukoll li se jċempel lil kuntrattur wara l-laqgħa. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna ngħidulu li l-Kunsill mhux sodisfatt bix-xogħol. Ma dan il-punt, il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kien hemm lejl fejn sema l-ħġieġ jinfaqa bil-lejl fejn il-Bring-In Sites tat-triq Ta' Ġawħar. Ra persuna jarmi l-ħġieġ mal-ħajt, kif ukoll żejt. Qal illi dan ħalla l-boroz taz-zibel f'nofs tat-triq ukoll. Is-Sindku qal illi jaf min hu dan il-persuna.

3.4 Is-Sindku qal illi r-rand tal-Misraħ kolla mietu għaliex ġew mibxuxa. Issuġerixxa li nibdluhom ma qsari li sab illi m'għandhomx bzonn ħafna ilma. Dawn jiswew €8 kull waħda. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nixtru madwar 8 u naraw kif immorru bihom. Żied ukoll il-ħsieb tiegħu li l-pjanti fejn Ta' Amparell ukoll mietu bl-għatx. Il-kunsillier qablu li nixtru ftit minn dawn il-qsari li m'għandhomx bżonn ħafna ilma.

3.5 Il-Kunsill irċieva email minn residenta li ma qablitx max-xogħol li sar fuq iz-zkuk tas-siġar ta' quddiem id-dar tal-Kappillan. Il-kunsilliera ma qablux ma ċerti kliem li użat din il-persuna fejn ħarġet bir-rabja kontra l-Kunsill u qalet li għandna niġu "mgħalqa". Il-kunsilliera ma qablux mal-mod kif din il-persuna esprimit ruħha, iżda kien hemm kunsilliera li qalu li kienet skużat ruħha magħhom. Il-Kunsill kien irċieva email mingħand din il-persuna fejn ukoll skużat ruħha. Rigward ix-xogħol illi sar, il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil ma qablux li sar ix-xogħol qabel il-festa. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol sar għax ma stajnix naqalgħu l-arblu l-barra u mingħajr dan ix-xogħol konna nagħmlu l-ħsara lil bandalora. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dan ix-xogħol sar biex erbgħa nies ikunu kuntenti imma qal illi huma ma jikmandawx x'isir fir-raħal. Qal ukoll illi hu jaqbel illi x-xogħol kellu jsir, iżda mhux qabel il-festa, u mhux bil-mod kif sar. Qal ukoll illi jekk is-siġar kellhom il-fuq minn ħamsin sena

se jkolna l-inkwiet mal-MEPA. Qal ukoll illi ħadd m'hu kuntent bix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi x-xogħol ma sarx sew u sema li nies tal-Każin jiżbru s-siġar. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi dawn jerġgħu itellgħu iżda l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għandu d-dubji fuq waħda minnhom. Fuq it-tema tal-festa, il-kunsillier Carlo Stivala żied illi għandna nibagħtu ittra lil ħwienet kollha bid-'deadline' sa meta għandhom biex iħalsu għall-permessi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi meta jarmaw l-imwejjed għandhom iħallu passaġġ biex jgħaddu n-nies.

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla ilmenta li tneħħew il-BIS ta' Stiefnu Erardi. Ma qabilx illi dan sar mingħajr ma ġie diskuss fil-Kunsill. Is-Sindku ppropona li nkolna 1 BIS fir-raħal, f'triq il-Kuċċard, u fetaħ id-diskusjoni. Il-Viċi Sindku Johan Mula jemmen illi għandna nneħħu set minn dawk li tpoġġew issa. Il-kunsillier Carlo Stivala ma qabilx illi ma jkunx hemm BIS fil-qalba tar-raħal peress li jgħixu ħafna nies hemm. Sema wkoll illi ha ssir petizzjoni biex jitneħħew l-iskips ta Ta' Ġawħar. Is-Sindku qal illi jekk nagħmluhom f'post wieħed nifrankaw illi nkolna noqogħu nixtru iżjed CCTV's. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi naqtaw servizz u ma qabilx illi l-ġbir tal-iskart riċekabli għandu jkun hemm bħala alternattiva tal-iskips. Issuġġerixxa li nagħmlu portable kamera fuq 'site' u li jkolna oħra barra ta' triq il-Kuċċard. Il-kunsilliera Publius Abdilla, Pietru Pawl Busuttil u l-Viċi Sindku Johan Mula kollha qablu li għandna nħallu s-set ta' Ta' Ġawħar, kif ukoll ta' triq il-Kuċċard, u li s-set ta' Stiefnu Erardi jmorru fejn dawk ta' triq il-Kuċċard. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi 3 huma wisq għar-raħal. B'hekk il-maġġoranza ta' voti kienu għall-għażla ta' żewġ BIS.

3.7 Il-Kunsill qabel illi nistabilixxu ammont minimu li għandhom jidħlu bħala 'sponsor' biex il-Kunsill jagħmel riklami fil-grawnd [ref: punt nru 6.1]. Il-Kunsill qabel illi l-ammont minimu għandu jkun €120. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dawn ir-riklami għandhom isiru n-naħa t'isfel tal-grawnd biex ikun hemm il-plywood fejn hemm il-ġebla.

3.8 Il-kunsilliera ma qablux illi ntużaw settijiet antiki ta' ċwievet fuq il-bollards [ref punt nru 7.1]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna navżaw lil 'control room' tal-ambulanzi dwar liema toroq ikunu magħluqin waqt il-festa. Flimkien mal-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandhom isiru barriers fit-triq San Pawl u bollards fil-pjazza.

3.9 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi minn sen'oħra il-pjanti għandhom ikunu 'to-scale'.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kors ta' Non Smoking mhux se jsir għax ma kienx hemm domanda qawwija [ref: punt nru. 8.1].

3.11 Il-Kunsill qabel illi t-tabelli li għandhom isiru fuq l-istages t'Arriva għandhom isiru fil-perspex.

3.12 Is-Sindku qal illi xi ħadd neħħa t-tabella ta' "No Entry to triq San Tumas" li kien hemm f'trejqet it-Twemmin.

3.13 Il-Viċi Sindku qal illi l-balavostri ta' parapett qegħdin fuq in-naħħa tat-triq fid-direzzjoni għaż-Żurrieq [ref: punt nru. 8.7] u li n-nies qegħdin jistennew hemmhekk biex ma joqogħdux fix-xemx. Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Carlo Stivala qalu li sar petizzjoni mir-residenti ta Żurrieq Road, iżda l-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn sad-data tal-laqgħa. Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona wkoll illi, jekk jaqblu t'Arriva, naraw jekk nistgħu nagħtu servizz lejn triq il-Ħajt Ruman u triq Ta' Ġawħar. Il-Kunsill qabel illi fil-laqgħa li jmiss niddiskutu dan is-suġġett.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna mingħand Transport Malta [ref punt 8.9] fejn qalu biss illi għandna nirċievu risposta dalwaqt. Il-Viċi Sindku nsista li għandna nagħmlu ħafna pressure fuq Transport Malta biex isir ix-xogħol.

3.15 Is-Sindku qal illi l-persuna li talab illi nagħmlu sleeping policeman f'triq tal-Ajzar [ref punt nru 8.10] issa qed jitlob illi nresquha quddiem ħaddieħor. Is-Sindku ma qabilx u għalhekk ħa d-deċizjoni li minflok inneħu s-sleeping police minn hemm. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx li sar hekk mingħajr il-kunsens tal-Kunsill.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-sur Andrea Trapani talab illi l-Kunsill jgħin għall-inizjattiva tal-kumpanija fis-7 ta' Ottubru fejn il-Karwija. Il-Kunsill se jgħin billi jiprovdi parking għal mistednin f'triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi jixtieq illi jagħtu xi għajnuna lura. Qal illi x'aktarx fl-istess ġurnata se jkun hemm inizjattiva mir-residenti tar-raħal b'risq tifel li jbagħti bil-leukemia. Qal illi se jipproponi li l-parker javza n-nies dwar l-inizjattiva biex forsi jkun hemm izjed għajnuna għal dan it-tifel. Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk se jirriklamaw l-attivita tagħhom u jekk iva forsi jkunu jistgħu jirriklamaw tagħna wkoll. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi nistaqsu li huma jħallsu donazzjoni lil dan it-tifel. Is-Sindku qal illi hemm kumitat għall-attivitajiet u huma għandhom jieħdu ħsieb kollox. Il-Kunsill se jikkollabora mal-kumitat u se

jħallihom jużaw il-grawnd tal-football għall-attivitajiet tagħhom. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill jixtieq jagħmel wirja ta' karozzi klassiċi fl-istess ġurnata. Il-kunsilliera kollha qablu mal-idejat.

4.2 Polidano Brothers talbu li l-Kunsill iħallas kont pendenti għal xogħol li sar sitt snin qabel. Is-Sindku qal illi fil-passat dejjem sibna l-għajnuna mill-kumpanija u għalhekk għandna nħalsuhom. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nħalsu jekk sar ix-xogħol. Il-Viċi Sindku qal illi hemm ċans li jkolna nkwiet mal-awdituri iżda s-Sindku qal illi għandna nuruhom l-invoice u t-talba tal-ħlas u b'hekk nevitaw l-inkwiet. Il-Kunsill se jħallas il-kont kollu f'daqqa. Wara li l-Viċi Sindku fakkar dwar il-kwistjoni tas-sleeping policeman li għamlu huma u ma riedux jirranġaw, il-Kunsill qabel illi mal-ħlas nagħmlu talba li jsir dan ix-xogħol ukoll.

4.3 Il-kunsill irċieva ittra minn omm illi tħoss illi għandna nsaħħu s-sorveljenza tal-Playing Fields speċjalment għax hemm tfal illi jidħlu hemm bir-roti u bil-karrozzi zgħar. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li nagħmlu barriers għal kontra r-roti. Il-Kunsill qabel illi t-tfal m'għandhomx jidħlu fil-Playing Fields bir-roti.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx mal-ħlas għal żbir tas-siġar ta' quddiem id-dar tal-Kappillan u talab l-ammont li ħallas il-Kunsill fis-sena preċedenti. Is-Sindku ppreżenta kopja tal-invoice li kien għola minn ta' din is-sena. Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil qalu li s-sena l-oħra dak l-ammont kien jkopri iżjed xogħol. Is-Sindku fakkar li ilu jsir l-istess xogħol għal dawn l-aħħar tlett snin, minn meta inbena blokk flats wara s-sorrijiet. Is-Sindku fakkar illi din is-sena x-xogħol kellu jsir darbtejn. Kien hemm qbil illi dan il-kont jiġi mħallas u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

**6. Skeda tal-pagamenti**

6.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti

**7. Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ**

7.1 Il-Viċi Sindku qal illi hemm ħames żagħżagħ li wrew interess. Il-Kunsill se jimla l-applikazzjoni f'isimhom.

**8. Fondi tal-EUPA**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mar-rappreżentant tal-EUPA . Qal illi hemm fondi għal Youth In Action, LifeLong Learning, kif ukoll għal dawk li għandhom 50 sena '1 fuq. Qal ukoll illi l-Kunsill jgħin lin-nies biex jitfgħu l-applikazzjonijiet tagħhom u li l-fondi li jmiss se jkunu f'2013.

**9. LifeLong Learning**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta informazzjoni l-korsijiet illi huma miftuħin għar-residenti ta' Ħal Safi. Sal-ġurnata tal-laqgħa kien hemm [ammont ta nies fil-brackets]:

Malti: 1
L-Ingliz: 1
Ġermaniz: 2
Franċiz: 1
Spanjol: 6
Energy Saving: 2
Taljan 8

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikazzjonijiet għadhom miftuħin. Qal ukoll illi wara li tkellem mar-rappreżentanti tad-Dipartiment, il-korsijiet tal-ispanjol u tat-taljan għandhom isiru fis-sala tal-Kunsill.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Is-Sindku ppropona li nixtru welding u grinder. Il-Kunsill qabel.

10.2 Il-Kunsill approva t-talba tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv biex nixtru kompjuter ġdid. Il-kunsilliera qablu.

10.3 Is-Sindku qal illi nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru se tidħol trainee mill-ETC mal-Kunsill sas-7 ta' Diċembru. Din se tiġi mħallsa mill-ETC.

10.4 Għal dawk illi ma kienux preżenti għall-ftugħ tat-tenders tal-Contracts Manager, is-Segretarju Eżekuttiv tahom l-informazzjoni. Kien hemm tnejn illi tefgħu applikazzjoni. L-irħas wieħed kien tal-Perit Parker Mifsud. Il-kompetitur hu wieħed illi diġa għandu kuntratt mal-Kunsill, u barra l-fatt illi tefa' kwotazzjoni għola, il-Kunsill ma jistgħux jaċċettaw it-tender tiegħu għax hemm miktub fil-kundizzjonijiet speċifiċi illi "The Contracts Manager shall have a Contract Management role only. He shall not otherwise be associated with, bid for work on, directly or indirectly, any Local Council Contract". Il-Kunsill qabel mal-għażla tal-Perit Mifsud Parker iżda s-Segretarju għandu jagħmel ftit riċerka fuqu l-ewwel.

10.5 Dwar il-kors tad-Drama, il-Kunsill irċieva ittra minn għalliem li ma qalx kemm għandna nħallsu kull lezzjoni. Dan qal biss illi jixtieq assistent. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi ġabar kwota minn persuna oħra. Din talbet €20 kull lezzjoni ta disgħin minuta [għal 13 ġimgħa] kull ġimgħa u ma tieħux iżjed minn 20 tifel u tifla. Il-Kunsill se jitlob ħlas ta' €15 għal dan il-kors.

10.6 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm bozza maqtugħa f'triq in-Newba. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dawk ta' barra l-Kunsill għadhom maħruqin, waqt illi l-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm waħda f'triq il-Puniċi illi ma tixgħelx.

10.7 Is-Sindku qal illi l-ħaddiem li kien qed jaqta l-ħaxix għal Kunsill ġie meħud u ma jistax ikompli jagħmel ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ippropona li nistaqsu lil dan il-ħaddiem biex jiġi jagħmel ix-xogħol part-time. Qal ukoll illi għandna bzonn mutur bix-xafra imma s-Sindku qal illi dawn il-magni huma kontra l-liġi. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mas-suġġeriment li nġibu lill-ħaddiem part time u nixtru l-mutur biss jekk jgħid li jista jiġi. Qal ukoll illi m'hemmx ħaddiema biex jużaw dan il-mutur. Il-Kunsill qabel max-xiri ta' mutur bid-diska wara li nsibu persuna li hu kapaċi jaħdem biha. Il-kunsillier Carlo Stivala, bil-qbil tal-kunsilliera l-oħra, qal ukoll illi għandna nixtru s-safety gear għal dak illi se jagħmel ix-xogħol.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fis-26 ta’ Settembru 2012.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |